***Worksheet* S6.4.2**
Naraw x’sehem kellhom Franġisku Laparelli u Ġlormu Cassar fil-bini tal-belt il-ġdida.

**L-IPPJANAR TAL-BELT U LAPARELLI** *(noti ta’ Mario Debono u George Calleja)*




Meta l-Papa bagħat lil Francesco Laparelli wara l-Assedju l-Kbir, dan sab numru ta’ studji li saru qabel li għenuh mhux ftit biex ifassal il-pjanta tiegħu fi ftit jiem. Ġie deċiż li l-belt il-ġdida kellha tokkupa bejn wieħed u ieħor nofs il-peniżola Xiberras u li t-toroq tagħha kellhom ikunu dritti u jaqtgħu lil xulxin f’forma ta’ gradilja. It-toroq dritti u wesgħin kellhom il-vantaġġ li jagħtu sens ta’ ordni u preċiżjoni. Laparelli ppropona wkoll li l-ewwel għandu jinbena mill-ġdid il-Forti Sant’Iermu fil-ponta tal-peniżola, biex ikun jista’ jiddefendi l-belt f’każ li tiġi attakkata mill-baħar waqt li tkun qed tinbena. Barra minn hekk huwa ppjana triq li ddur dawramejt mas-swar sabiex f’każ ta’ bżonn, id-difensuri jkunu jistgħu jmorru min-naħa għall-oħra tas-swar b’ċerta ħeffa, huma u jiddefendu. Minħabba nuqqas ta’ ħaddiema, Laparelli ġab ukoll minn flusu 500 ħaddiem Taljan biex jgħinu fil-bini u jħarrġu ħaddiema Maltin.

**IL-BINI TAL-BELT U ĠLORMU CASSAR**




Jekk Francesco Laparelli kien il-perit espert tal-Papa, il-perit Malti Ġlormu Cassar kien il-perit prinċipali tal-Ordni. Wara li Laparelli lesta l-pjanta tal-belt huwa mar lura lejn l-Italja u ħalla f’idejn Ġlormu Cassar biex jieħu ħsieb ix-xogħol tal-bini. Barra minn hekk huwa fassal il-pjanti tal-aktar binjiet importanti fil-belt il-ġdida, fosthom: il-Knisja Konventwali, il-Palazz Maġistrali, is-seba’ bereġ, l-imtieħen u l-ifran tal-Ordni u x’aktarx is-Sagra Infermerija wkoll. Il-Knisja Konventwali u l-Palazz Maġistrali nbnew matul it-triq prinċipali fejn hemm l-iktar parti għolja tal-belt.

**A: Kompli.**

1. Il-Papa Piju V bagħat f’Malta l-perit espert tiegħu ________________________________________.
2. Il-perit prinċipali tal-Ordni kien ________________________________________________________.
3. Il-belt il-ġdida kellha tokkupa __________________________________________________________.

4. Laparelli ġab minn flusu ______________________________________ biex jgħinu fil-bini tal-belt.
5. Ġlormu Cassar fassal il-pjanti tal-iżjed ______________________________________________.

**B: Wieġeb bl-għajnuna tal-mappa.**




1. Għalfejn ġie deċiż li t-toroq isiru dritti?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

2. L-ittri A juru t-triq li ddur dawramejt mas-swar tal-belt. Għalfejn Laparelli ppjana din it-triq?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

3. L-iktar swar qawwija nbnew fejn hemm l-ittri B. Għaliex taħseb li sar hekk?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

4. L-ittra Ċ turi l-Forti Sant'Iermu.  Għalfejn Laparelli ried li dan il-forti jerġa' jinbena mill-ewwel?

5. L-ittri D juru l-post fejn inbnew il-Knisja Konventwali u l-Palazz Maġistrali.  Għaliex dawn iż-żewġ binjiet importanti nbnew hemmhekk?